MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2007

Numru 805/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**Joseph Scicluna**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joseph Scicluna, 67 sena, iben il-mejtin Joseph u Giorgia nee' Penza, imwieled Tarxien fil-11.01.1937 u li joqghod Flat 4, Jolevaton, Triq il-Fekruna, San Pawl il-Bahar, detentur ta' karta ta' l-identita' nru. 71537M gie akkuzat:

Talli f'dawn il-Gzejjer, bhala proprjetarju u/jew amministratur tal-fond nru. 6, Jolevaton, Triq il-Fekruna, San Pawl il-Bahar, bejn it-13 ta' Settembru, 1996 u s-16 ta' Settembru, 1998, b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom wiehed seta' kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' kurrent elettriku, ikkommetta serq ta' kwantita' ta' elettriku li jammonta ghall-mitejn u tmienja u ghoxrin Liri Maltin u sebghin centezmu (Lm228.70), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u ammont ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta, barra minn hekk, fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, cioe' arlogg tad-dawl tal-ghamla "Ferranti", nru. tas-serje 9428768, liema hsara ma tiskorrix l-ghaxar liri Maltin ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 533(1) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok JM3 u li jinsab a fol. 6 tal-Process u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Mercieca ddikjara li fid-dawl tal-fatt li fis-Seduta tallum ix-xhud Alan Chetcuti mill-Korporazzjoni Enemalta ddikjara illi l-Korporazzjoni Enemalta ma baqghalha l-ebda pendenza ma' l-imputat Joseph Scicluna u illi ghaldaqstant qeghda tirrinunzja minghajr riserva ghal passi kriminali f'dan il-kaz, ghaldaqstant l-Ufficjal Prosekutur talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputat, kif ukoll talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika

ta’ din il-kawza sabiex f’kaz ta’ htija din il-Qorti tapplika l-provvedimenti ta’ l-Artikolu 533(1) tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti tilqa’ it-talbiet tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Mercieca, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputat Joseph Scicluna u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika ta’ din il-kawza sabiex f’kaz ta’ htija din il-Qorti tapplika l-provvedimenti ta’ l-Artikolu 533(1) tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------